*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45

Il- Ħamis 14 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ismael Dalli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **45.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 45.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18.46pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 45.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li Sa Darlene Vella Zammit talbet li tattendi tard ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellix kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| **45.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 45.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 44, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 45.2.2 | Is- Sur Neil Portelli ppropona u s- Sur Thomas Debattista ssekonda l-minuti tas-Seduta nnumerata 44 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **45.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 45.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li referenza ghall-laqgha precedenti s-Sa Darlene Vella Zammit baghtet korrispondenza lis-Segretarju Ezekuttiv fejn spjegat li ppruvat tigbor il-filmat tal-istedina tal-festa Marija Annunzjata u giet infurmata minn *media* partikolari li l-filmat kien *live* u ma kienx hemm *recording* ghaldaqstant il-kaz huwa maghluq. |
| 45.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li van li ghamel il-Kunsill ghall-waqt il-festa tal-Madonna tad-Duttrina qed jaghti servizz lir-residenti minn Ħal Tarxien ghar-Rahal Gdid u kollox miexi kif suppost. |
| 45.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li *Infrastructure* Malta se tkun qed taghmel il-bankini ta` Triq Lanzon u se jkunu qed jiccekjaw il-*mains* tal-ilma. |
| 45.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista qed isiru l-preparamenti ma` *Infrastructure* Malta sabiex jigi identifikat fejn se jsir bl-*asphalt* u l-*critter print* fi Triq Sant`Anna, Triq il-Blata u Triq San Bert. |
| 45.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jipproponi li jigu nstllati *bollards* fi Triq Sqajjaq fil-bicca d-dejqa ghar-raguni li karozza kbira ma tghaddix sew u gieli ssir hsara. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li s-Sindku flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista jiltaqghu fuq il-post u jaraw fejn l-ahjar li jigu nstallati l-*bollards* u ssir ukoll tabella sabiex tindika li l-access tat-Triq huwa limitat ghar-residenti. |
| 45.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jipproponi li tinzamm attivita` ghar-residenti nhar il-11 ta` Awwissu bl-isem *Gozo by Night*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 45.3.7 | Is-Sindku prezenta d-disinn tal-menhir tal-progett Mafkar illum u s-suggerixxa li jekk dan il-progett jintrebah jigi nstallat fi Gnien Penza u l-progett tal-istess gnien jiehdu hsiebu l-istess periti li se jkunu qed jahdmu fuq il-menhir ghaldaqstant talab li tittiehed decizzjoni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **45.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 45.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **45.5** | **Rapporti** |
| 45.5.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li l-ghaqda tan-nar San Gabriel infurmat lill-Kunsill li tixtieq torganizza *Barbeque* gewwa l-bandli ta` hdejn il-Kunsill Lokali nhar is-Sibt 30 ta` Lulju 2022. Is-Sindku spjega li l-ghaqda nfurmat ukoll li se tiehu hsieb it-tindif u dak li jkun hemm bzonn wara li tispicca l-attivita`. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk isibux oggezzjoni jekk l-ghaqda tan-nar San Gabriel titlob li tuza l-*Gazebo* tal-gnien. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 45.5.2 | Is-Sindku prezenta lill-Kunsilliera id-disinni tal-istruttura tal-qalb ta` Gnien Joanne li saru mill-Kunsillier is-Sur Neil Portelli u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-kuntarattur li se jimplimenta l-progett jiltaqgha mas-Sur Neil Portelli sabiex il-Kunsill jara hux possibli li jsir id-disinn li ntoghgob. |
| 45.5.3 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera li l-bukkett tal-fjuri ghall-festa tal-Madonna tad-Duttrina huwa ordnat. |
| 45.5.4 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace informa l-Kunsilliera li fl-opinjoni tieghu l-Kunsill ghandu joggezzjona fuq progetti ta` bini gholi li qed ikun hemm fil-qalba antika tar-rahal u vicin il-UCA. Is-Sindku qal li jekk il-bini gholi ma jkunx fil-UCA ma jhoss li ghandu joggezzjona pero` jekk il-Kunsill jara l-bzonn li ghandha ssir oggezzjoni fuq kaz partikolri, tinzamm laqgha jew laqgha b` urgenza u tittiehed decizzjoni flimkien mill-Kunsill. |
| 45.5.5 | Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista informa l-Kunsilliera li l-esperjenza ta` studju li kellu n-Norvegja kienet wahda nteressanti mmens u spjega kemm il-pajjiz ghandu governanza tajba u kemm fl-opinjoni tieghu tista` tigi mplimentata fil-Kunsill Lokali. Is-Sur Debattista rringrazzja lill-Kunsill u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-din l-opportunita. |
| 45.5.6 | Il-Kunsilliera s-Sa Anabella Marmara` staqsiet lill-Kunsill Lokali sabiex jinxtara aktar ikel ghall-qtates ghax il-*cat feeders* qed jitolbu ghall-aktar. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera Sa Anabelle Marmara` sabiex tikkomunika mas-Segretarju Ezekuttiv biex tara x` *budget* hemm u sabiex tigbed l-attenzjoni tal-*cat feeders* biex izommu d-djar tal-qtates u l-akwata nadifa ghax f`certu zoni qed ikun hemm hafna hmieg. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **45.6** | **Mozzjonijiet** |
| 45.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **45.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 45.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* ta` Gnien Joanne li jinkludi l-bandli u l-kurduna gie evalwat u ntaghzel l-irhas *bidder* li kien konformi ma` dak kollu li kien mitlub fit-*Tender* u jekk f` ghaxar tijiem ma jappella hadd jista` jibda l-progett. |
| 45.7.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-*Palk* u s-siggijiet ta` Gnien Joanne reggha hareg u ghandu jsir l-opening fl-1 ta Awwissu 2022. |
| **45.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 45.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 37/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Lulju/Awwissu 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 45.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatata mis- Sa Anabelle Marmara` il-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| ***Il-hin huwa 18.55 u dahlet ghall-laqgha l-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit*** | |
| **45.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 45.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-19.00p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' Lulju 2022.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*